

Brussell, 29 ta' Jannar 2016
(OR. en)

5553/16

DENLEG 9
AGRI 25
SAN 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5197/16 DENLEG 2 AGRI 8 SAN 5 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tneħħija ta' ċerti sustanzi aromatizzanti mil-lista tal-Unjoni – <i>Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

1. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008¹ jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u l-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom. F'konformità mal-Artikolu 11(3) tiegħu, dik il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008². L-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 jiddikjara li sustanza tista' titneħħa mil-lista tal-Unjoni b'deċiżjoni adottata f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 25(3) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, miżuri transitorji jistgħu jiġu wkoll adottati bi proċedura regolatorja bi skrutinju.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jopponu tali deċiżjonijiet fil-limiti standard ta' 3 xhur.

2. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011³, l-effetti tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE⁴ qed jinżammu għall-finijiet tal-atti bażiċi eżistenti li jirreferu għalih.
3. Qabel ma adottat l-abbozz ta' Regolament imsemmi fis-suġġett u f'konformità mal-Artikolu 5a(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-25 ta' Novembru 2015. Il-Kumitat ivvota b'unanimità favur l-abbozz ta' Regolament imsemmi fis-suġġett ta' din in-nota (2 Stati Membri li jirrappreżentaw popolazzjoni ta' 125.258 miljun ruħ astjenew).
4. Konsegwentement, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq fit-12 ta' Jannar 2016 f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
5. Skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jopponi fi żmien 3 xhur l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' Regolament għar-raġuni li l-abbozz ta' miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni:
 - jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku; jew
 - mhumiex kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku; jew
 - ma jirrispettawx il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.
6. Fl-14 ta' Jannar 2016 id-delegazzjonijiet ġew mitluba biex sas-26 ta' Jannar 2016 jindikaw l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament. Id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda waħda mir-raġunijiet għal oppożizzjoni msemmija hawn fuq.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

7. **Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma, bħala punt "A" tal-aġenda tiegħu, li huwa ma jopponix l-abbozz ta' Regolament imsemmi fid-dokument 5197/16 + ADD1. Dment li l-Parlament Ewropew ma jopponix l-abbozz ta' Regolament fi żmien 3 xhur mill-preżentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċizzjoni 1999/468/KE.**
-